**22 ta' Lulju, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Frances S. Borg

*versus*

Onor. Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta; Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni; id-Direttur ta' l-Edukazzjoni; u iċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Rikors - Nullità - Nota Spjegattiva - Liġi - Artikoli - Proċedura - Kostituzzjoni Art. 47(7)**

*Rikors fl-liema tiġi allegata ksur ta' drittijiet fondamentali huwa null jekk ma jkunx hemm spjegat sewwa r-raġuni u fatti li taw lok għal*

*dak il-ksur. Mhux suffiċjenti li fir-rikors jiġi biss ċitat l-artikolu tal-kostituzzjoni li jkun qiegħed jiġi allegat li ġie vvjolat.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Frances S. Borg fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn qalet (1) illi hija kienet impjegata bħala *Teacher II* fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u kienet tgħallem fil-*Girls' Secondary School, St. Andrews* u kienet ilha impjegata mal-Gvern sa mis-sena 1963 u qatt ma kellha nuqqasijiet; (2) illi fuq l-akkużi miġjuba kontra tagħha, fit-22, 25 u 29 ta' Jannar, 1980, mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni (billi dik tat-22 ta' Frar, 1980 hija ma kinitx instabet ħatja) hija b'deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina (Riferenza numru Disc/125103-13-15 30/80) tal-25 ta' Lulju, 1980 hija ġiet misjuba ħatja u konsegwentement ġiet imkeċċija mill-impjeg tagħha; (3) illi l-konklużjonijiet li wasal għalihom l-imsemmi Bord kienu żbaljati u bla bażi u kienu biss mibnija fuq xhieda ta' tfal li ġew emmnuti huma u mhux ir-rikorrenti u inoltre dawn il-konklużjonijiet ġew milħuqa b'diskriminazzjoni fejn ir-rikorrenti billi ġew influwenzati minħabba t-twemmin soċjalista tar-rikorrenti u għalhekk it-tkeċċija tagħha mill-impjieg saret minħabba t-twemmin soċjalista tagħha u għalhekk dan l-aġir jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq bażi politika pprojbita mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bi ksur tal-libertà ta' kuxjenza u qima protetti bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bi ksur ta' libertà ta' espressjoni protetta bl-artikolu 42 ta' l-istess Kostituzzjoni ta' Malta u anke minħabba l-fatt li hija kellha kwalifiki ferm superjuri għal terzi li kellhom interess li hija tiġi mkeċċija; (4) illi l-ksur tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħha ġie mqajjem quddiem il-Bord tad-Dixxiplina; (5) illi kif ġà intqal l-aġir ta' l-intimati jikkostitwixxi

ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, speċjalment dawk ta' l-artikoli 41, 42 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u għalhekk talbet li dik il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-drittijiet li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tar-rikorrenti, fosthom illi ssib lill-intimati ħatja ta' diskriminazzjoni politika u ta' ksur tad-drittijiet ta' libertà ta' kuxjenza u ta' qima u tal-libertà ta' espressjoni kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta, tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina fuq imsemmija in kwantu jolqtu l-akkuża li tagħha r-rikorrenti ġiet misjuba ħatja, u tordna lill-intimati jew min minnhom li jagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex ir-rikorrenti tingħata lura l-impjeg tagħha bl-istess kondizzjonijiet u salarju; Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn qalu (1) illi din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tar-rikors biex tissindaka l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku billi għal dak il-fini tosta l-projbizzjoni ta' l-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni; (2) illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess il-preżenza ta' l-Onor. Prim Ministru u ta' l-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni f'din il-kawża hi għal kollox superfluwa stante li l-ġudizzju hu integru bil-preżenza tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni u għalhekk l-esponenti Onor. Prim Ministru u Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; (3) Salvi eċċezzjonijiet oħra fi stadji ulterjuri f'każ ta' bżonn;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju, 1985, li laqgħet l-eċċezzjoni ta' irritwalità tar-rikors u lliberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż għar-rikorrenti, wara li kkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-8 ta' Frar, 1985, l-Avukat ta' l-intimati għamel referenza għar-regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-Qorti magħmula bl-Avviż Legali 48 tal-1964, u irrileva li r-rikors odjern ma fihx anqas allegazzjoni ta' xi fatt wieħed li minnu r-rikorrenti qed tippretendi li nħoloq l-ilment tagħha u mir-rikors ma tirriżultax id-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura;

Illi wara li dan ġie ttrattat mid-difensuri tar-rikorrenti, il-Qorti tat żmien sal-15 ta' Frar, 1985, sabiex dawn jippreżentaw nota spjegattiva;

Illi din in-nota ġiet ippreżentata fit-13 ta' Frar, 1985, u fiha r-rikorrenti qalet li l-fatt li dwaru għandha lanjanza huwa l-fatt li l-*Public Service Commission* waslet għall-konklużżjonijiet li a bażi tagħhom l-esponenti tkeċċiet mix-xogħol tagħha fuq motivi li jiddiskriminaw minnhom infushom bejn ir-rikorrenti u kull għalliem ieħor a bażi ta' opinjoni politika, li jmur direttament kontra l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni;

Illi fl-istess nota r-rikorrenti qalet li d-dritt tal-libertà ta' kuxjenza protetta bl-Artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ġie miċħud lilha bir-rakkomandazzjoni tal-membri tal-*Public Service Commission* billi b'din esiġew illi hija tbiddel il-fatti kif tafhom; u li bl-istess mod il-protezzjoni ta' libertà ta' espressjoni sanċita mill-Artikolu 42(1) tal-Kostituzzjoni ġiet ivvjolata biċ-ċaħda li hija tgawdi l-libertà ta' espressjoni;

Illi fir-risposta tagħhom tat-12 ta' April, 1985, l-intimati eċċipew l-irritwalità tar-rikors u talbu lil din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors u li tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi kif sewwa qalu l-intimati, fl-imsemmija risposta, in-nota spjegattiva tar-rikorrenti b'ebda mod ma tagħti l-partikolaritajiet meħtieġa u li huma nieqsa fir-rikors;

Illi r-regolament (3)(1) imsemmi fuq irid li r-rikors għandu jkun fih, b'mod konċiż u ċar, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment kostituzzjonali;

Illi bin-nota spjegattiva tar-rikorrenti, għalkemm id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li ġew miksura ssemmew, il-partikolaritajiet li kienu nieqsa fir-rikors, lanqas ma ġew mogħtija f'din in-nota spjegattiva;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Frances S. Borg li appellat minn dik is-sentenza u talbet lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati appellati li ssottomettew illi s-sentenza appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata u l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-proċeduri fil-każ preżenti bdew bir-rikors ta' l-appellanti ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bħala Qorti investita

b'ġurisdizzjoni oriġinali għall-finijiet ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, fit-12 ta' Novembru, 1984;

Fis-seduta tat-8 ta' Frar, 1985, quddiem dik l-imsemmija Qorti, kif jirriżulta mill-verbal relattiv (fol. 7), l-Avukat Dr. Silvio Camilleri għall-intimati ssottometta illi r-rikorrenti kellha tippreżenta nota bil-partikolaritajiet meħtieġa peress illi, kif irrileva fl-istess verbal, bi ksur tar-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali nru. 48/64, ir-rikors ma fihx "anqas allegazzjoni waħda ta' xi fatt wieħed li minnu r-rikorrenti qed tippretendi li nħoloq l-ilment tagħha, kif ukoll mir-rikors ma jirriżultax id-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura";

Kif jidher mill-istess verbal tat-8 ta' Frar, 1985, Dr. Muscat Azzopardi u Dr. Bezzina kellhom jippreżentaw "nota spjegattiva dwar ir-rikors" sal-15 ta' Frar, 1985, u fil-fatt ġiet ippreżentata "Nota spjegattiva tar-rikorrenti Frances S. Borg" fit-13 ta' Frar, 1985, bil-firma ta' l-Avukat Dr. Godwin Muscat Azzopardi (fol. 8);

Sussegwentement għal din in-nota, fit-12 ta' April, 1985 l-intimati ppreżentaw risposta ulterjuri fejn eċċepew l-irritwalità tar-rikors tat-12 ta' Novembru, 1984, u għalhekk talbu lill-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess rikors u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju billi r-rikors ma fihx ir-rekwiżiti preskritti mir-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali nru. 48/64 u n-nota spejegattiva tar-rikorrenti b'ebda mod ma tagħti l-partikolaritajiet meħtieġa u nieqsa fir-rikors;

F'dik l-istess seduta tat-12 ta' April, 1985, wara l-preżentata ta' l-imsemmija risposta ulterjuri ta' l-intimati, wieħed

mid-difensuri tar-rikorrenti, Dr. Bezzina, talab żmien biex jagħmel "nota ta' l-osservazzjonijiet", u l-Qorti tagħtu żmien sad-19 ta' April, 1985, bil-fakoltà lill-intimati għal nota responsiva sas-26 ta' April, 1985, u ddifferiet il-kawża għat-3 ta' Mejju, 1985, għas-sentenza in difett ta' ostakolu (fol. 12);

Sad-19 ta' April, 1985, però, l-ebda nota ta' osservazzjonijiet ma ġiet ippreżentata mir-rikorrenti, u b'rikors tat-22 ta' April, 1985, bil-firma ta' l-imsemmi Dr. Bezzina, ir-rikorrenti talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u żmien xieraq biex id-difensur tagħha jippreżenta n-nota ta' l-osservazzjonijiet, peress illi, kif rilevat fl-istess rikors, din in-nota ma setgħetx issir sad-19 ta' April, 1985, minħabba f'luttu fil-familja ta' l-imsemmi Dr. Bezzina;

B'digriet tal-24 ta' April, 1985, l-ewwel Qorti awtorizzat lir-rikorrent tagħmel din in-nota sad-29 ta' April, 1985;

Din in-nota, però, baqgħet ma ġietx ippreżentata lanqas sa din l-aħħar imsemmija data. Kull ma sar kienet nota ta' l-Avukat Emmanuel D. Bezzina, ippreżentata fid-29 ta' April, 1985, li permezz tagħha l-imsemmi Avukat iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għall-patroċinju tar-rikorrenti u fl-istess ħin irrileva li kien hemm Avukat ieħor li kien qiegħed ukoll jippatroċina lir-rikorrenti;

Wara din in-nota, imbagħad, il-kawża ġiet deċiża fit-3 ta' Mejju, 1985, għal liema data kienet tħalliet għas-sentenza in difett ta' ostakolu fis-seduta tat-12 ta' April, 1985;

Fir-rikors tagħha ta' l-appell ir-rikorrenti tgħid li hija "ġiet imċaħda mill-opportunità li tippreżenta nota spjegattiva in

kwantu *stante* li l-Avukat tagħha irrinunzja għall-patroċinju proprju fil-ġurnata li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet iffissat għall-preżentata ta' din in-nota u għalkemm sprovvista minn Avukat hija pprovat tippreżenta rikors sabiex tkun tista' titlob iżjed żmien, sa liema żmien kienet tkun patroċinata u f'pożizzjoni li tippreżenta nota ta' l-osservazzjonijiet; b'dana kollu l-appellanti ma tħallietx tippreżenta rikors fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri u dana espressament kontra d-dritt fondamentali li kull persuna għandha dritt ta' aċċess liberu għall-Qrati'';

Dan il-paragrafu ta' l-appellanti jirrikjedi ċerti kjarifiki. L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li mhux korrett jingħad li l-appellanta, quddiem l-ewwel Qorti, ġiet miċħuda mill-opportunità li tippreżenta "nota spjegattiva''. In-nota spjegattiva, infatti, ġiet ippreżentata fit-13 ta' Frar, 1985, fit-terminu mogħti lir-rikorrenti mill-Qorti wara li l-intimati rrilevaw in-nuqqasijiet digà msemmija fir-rikors tagħha bil-verbal tat-8 ta' Frar, 1985;

Wara din in-nota spjegattiva, kif digà ngħad, l-intimati ppreżentaw risposta ulterjuri fejn sostanzjalment issottomettew illi anke bin-nota spjegattiva r-rikors baqa' xorta waħda nieqes mir-rekwiżiti meħtieġa. In segwitu għal din ir-risposta ulterjuri ta' l-intimati r-rikorrenti, permezz ta' wieħed mid-difensuri tagħha, talbet li tippreżenta nota ta' osservazzjonijiet, u għal dan l-iskop ġiet mogħtija żmien sad-19 ta' April, 1985. Din in-nota ma ġietx ippreżentata fiż-żmien mogħti mill-Qorti, u b'dana kollu l-Qorti, fuq talba tar-rikorrenti, reġgħet tat żmien lill-istess rikorrenti sad-29 ta' April, 1985, għal din in-nota ta' osservazzjonijiet, u dan minkejja l-fatt li r-raġunijiet mogħtija biex tiġġustifika il-għaliex in-nota ma kinitx saret fiż-żmien prefiss kienu jirrigwardaw wieħed biss miż-żewġ difensuri tar-

rikorrenti. Lanqas f'dan it-tieni terminu mogħti mill-Qorti ma ġiet ippreżentata n-nota ta' l-osservazzjonijiet, u proprju fl-aħħar ġurnata meta skada dan it-terminu ġiet ippreżentata nota ta' rinunzja għall-patroċinju minn wieħed mid-difensuri tar-rikorrenti li fl-istess nota rrileva "li hemm Avukat ieħor li qiegħed ukoll jippatroċina lir-rikorrenti";

Jidher ċar, għalhekk, li mhux leċitu għar-rikorrenti tgħid li ma ġietx mogħtija l-opportunità li tippreżenta nota ta' osservazzjonijiet, u wisq inqas nota spejgattiva, li fil-fatt ippreżentat;

L-anqas ma hija korretta r-rikorrenti meta tgħid li wara li wieħed mid-difensuri tagħha rrinunzja għall-patroċinju kienet sprovvista minn Avukat. Mill-atti proċesswali, infatti, jirriżulta li quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti kienet patroċinata minn żewġ Avukati, u fil-każ ta' wieħed minnhom, li kien proprju dak li bil-firma tiegħu ġiet ippreżentat n-nota spjegattiva, ma teżisti l-ebda nota ta' rinunzja u l-anqas ma ġie allegat li kien hemm xi rinunzja matul il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti;

L-anqas ma huwa fondat l-ilment tar-rikorrenti appellanti li ma tħallietx tippreżenta rikors fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri biex titlob żmien iżjed għall-preżentata tan-nota ta' osservazzjonijiet. Għalkemm ma jingħadx fir-rikors ta' l-appell, mit-trattazzjoni orali ta' l-appell jemerġi li r-rikorrenti riedet tippreżenta rikors mingħajr il-firma ta' Avukat. Fil-kliem ta' l-artikolu 178(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bla ebda dubju applikabbli għall-proċeduri preżenti, l-iskritturi **għandhom** ikunu iffirmati mill-Avukat u mill-Prokuratur Legali wkoll, meta jkun hemm; jistgħu ikunu ffirmati mill-partijiet fil-każ biss ta' affarijiet tal-kummerċ;

Fil-każ preżenti, għalhekk, kien ġustifikat ir-Reġistratur jekk irrifjuta li jirċievi rikors li ma kienx iffirmat minn Avukat, u l-ebda dritt fondamentali tar-rikorrenti ma jista' jingħad li ġie ivvjolat b'dan ir-rifjut konformement ma' l-imsemmija dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, waħda mil-liġijiet protetti bl-artikolu 48(7) tal-Kostituzzjoni. Id-dritt tal-libertà ta' aċċess lill-Qrati, imsemmi mill-appellanti, ovvjament ma jimplikax u ma jiġġustifikax vjolazzjoni tar-regoli ta' proċedura stabbiliti mil-liġi, imma l-eżerċizzju tiegħu huwa neċessarjament irregolat mil-liġi proċedurali;

Fuq il-bażi, għalhekk, li l-appellanti *stante* r-rinunzja tal-patroċinju ta' wieħed mid-difensuri tagħha, ma kellhiex l-opportunità tippreżenta nota spjegattiva jew nota ta' osservazzjonijiet wara r-risposta ulterjuri ta' l-intimati appellanti, l-appell ma jistax jiġi akkolt;

Tibqa' l-kwistjoni, għalhekk, jekk ir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju, kif spjegat bin-nota tat-13 ta' Frar, 1985, jissodisfax ir-rekwiżiti tar-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali nru. 48/64;

Fil-kliem ta' dan l-imsemmi regolament ir-rikors għandu jkun fih "b'mod konċiż u ċar il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment" u għandu jsemmi wkoll "id-dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura";

Il-fatti li jemerġu minn eżami tar-rikors in eżami huma dawn:- (1) ir-rikorrenti kienet ilha mpjegata mal-Gvern bħala *Teacher II* fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni sa mis-sena 1963; (ii) fit-22, 25 u 29 ta' Jannar, 1980, saru xi akkużi kontra tagħha

mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni; u (iii) fuq dawn l-akkużi ġiet misjuba ħatja mill-Bord tad-Dixxiplina u konsegwentement ġiet imkeċċija mill-impjieg tagħha. Dawn huma l-fatti kollha esposti mir-rikorrenti, biż-żieda tan-numru ta' riferenza għad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina;

Wara l-espożizzjoni ta' dawn il-fatti, imbagħad, ir-rikorrenti tissottometti illi l-konklużjonijiet ta' l-imsemmi Bord kienu żbaljati u bla bażi u *inoltre* ġew milħuqa b'diskriminazzjoni lejha minħabba fit-twemmin politiku tagħha u konsegwentement, tgħid ir-rikorrenti, fil-konfront tagħha ġew ivvjolati l-artikoli 46, 41 u 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti indikat id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li tallega li fil-konfront tagħha ġew miksura, iżda bħala fatti li jikkostitwixxu l-ilment tagħha, "li minnhom jinħoloq l-ilment" b'mod ċar ma nsibux fir-rikors ħlief dawk li għalihom digà saret riferenza;

M'hemmx dubju li l-fatti kif indikati mir-rikorrenti huma konċiżi, iżda jekk minn dawn il-fatti jistax jinħoloq l-ilment b'mod ċar kif rikjest mil-liġi hija kwistjoni oħra. Ir-rikorrenti, infatti, ma indikat l-ebda fatt jew fatti li minnhom tista' tiddeduċi li fil-konfront tagħha saret diskriminazzjoni fuq bażi politika, bħal ma l-anqas ma indikat l-ebda fatt li fil-konfront tagħha jista' jikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' libertà ta' kuxjenza jew tal-libertà ta' espressjoni. Qalet biss li kontra tagħha ttieħdet deċiżjoni mill-Bord tad-Dixxiplina u li din id-deċiżjoni hija diskriminatorja u tilledi dawn l-imsemmija drittijiet. L-anqas indikazzjoni dwar x'kienu l-akkużi dedotti kontra tagħha quddiem il-Bord imsemmi ma ġiet mogħtija;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, huwa wisq ovvju li ma jistax jingħad li fir-rikors oriġinali ġew enunċjati l-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment, kif meħtieġ mill-imsemmi regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali nru. 48/64. Dan in-nuqqas seta' ġie rrimedjat bin-nota spjegattiva li l-Qorti tat il-fakoltà lir-rikorrenti li tagħmel fit-termini tar-regolament 3(3) ta' l-imsemmi Avviż Legali. Ir-rikorrenti, fil-fatt, ippreżentat din in-nota, iżda l-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li jissottomettu l-intimati kemm fir-risposta tagħhom ulterjuri u kemm fir-risposta tagħhom għar-rikors ta' l-appell li, ċjoè il-partikolaritajiet meħtieġa neqsin fir-rikors oriġinali baqgħu xorta waħda neqsin anke wara dik in-nota;

*In vista* ta' dan kollu premess, għalhekk, din il-Qorti ma tistax tasal għal konkluzjoni oħra ħlief dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti, u għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.